MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Appell Civili Numru. 21/2006

**PAB 15/06 TSC**
**PA0087/04**
**Fish & Fish Limited, u Malta Fishfarming Limited.**

**vs**

**L-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta’ Malta Centre for Fisheries Sciences.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ l-appell tas-socjetajiet Fish & Fish Limited u Malta Fishfarming Limited datat 22 ta’ Novembru 2006 a fol. 2 tal-process fejn gie premess:-

Illi dan huwa appell mid-decizjoni preliminari mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta’ Novembru 2006 fil-kaz fl-

ismijiet mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta' Novembru 2006 fil-kaz fl-ismijiet premessi b'liema, l-istess Bord kien cahad l-appell ta' Fish & Fish Limited, u Malta Fishfarming Limited, kontra l-hrug tal-permess datat 20 ta' Gunju 2006 favur Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences sabiex isir zvillupp konsistenti f'zona ta' akwakultura fil-bahar fix-Xlokk ta' Malta mahrug mill-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-konfront tal-applikazzjoni Nru 87/04 (kopja tad-decizjoni hija hawn annessa u mmarkata Dok "A").

Illi l-esponenti hassu ruhhom aggravati b'din id-decizjoni u minnha qeghdin jinterponu dan l-umli appell taghhom;

Illi l-aggravji tal-esponenti huma cari u manifesti fil-fatt u fid-dritt u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi preliminari l-esponenti jirrelevaw illi huma gja jgawdu minn permess ta' zvilupp moghti lilhom regolarment. Bhala principju fondamentali ta' dritt, l-ebda tibdil ma' jista' jsir ghal dan il-permess taghhom minghajr ma' jinghataw dritt ta' smigh xieraq li jressqu s-sottomissjonijiet taghhom f'dan ir-rigward. Ghalhekk huma kellhom ikunu involuti intrinsikament fil-process kollu, minghajr ma jkunu tenuti joggezzjonaw formalment ghal-applikazzjoni.

Illi jirrizulta evidenti li d-direttur tas-Sajd qieghed jippretendi li l-appellanti jigu rilokati fiz-zona msemmija fl-applikazzjoni tieghu, taht dawk il-kondizzjonijiet, sostanzjalment differenti minn dawk tal-appellanti, applikabbli ghal din iz-zona kif decizi mill-istess Awtorita. Dana minghajr ma jinghataw dritt ta' smigh xieraq. Jigi nnutat li l-kondizzjoni kontemplata fil-permess taghhom tipprevedi il-possibbli rilokazzjoni taghhom, imma mhux li dik ir-rilokazzjoni issir minghajr ma jkun parti ghall-procedura u minghajr ma jinghataw widen u piz l-interess taghhom fid-decizjoni dwar ir-rilokazzjoni. Inoltre huwa wkoll ta' min jinnota li dik ir-rilokazzjoni qieghda issir b'kondizzjonijiet sostanzjalment differenti mnn dawk li kienu jgawdu l-appellanti , u qieghda sahansitra twassal ghall-fatt li l-appellanti qieghdin jigu svestiti minghajr

kumpens mid-dritt ta' proprjeta' li huma kellhom fil-koncessjoni lillhom maghmula ghall-izvilupp ta' 'farm', razzett, ghall-aquakultura. Ghalhekk hija l-umili sottomissjoni tal-esponenti li l-kwistjoni tal-oggezzjoni hija f'dan il-kuntest irrelevanti billi l-proceduri ma setghux u ma messewx imxew il-quddiem minghajr ma huma gew maghmula parti ghall dawk il-proceduri li rrizulta kienu intizi biex sostanzjalment ibiddlu il-permess taghhom.

Illi huwa rilevat *inoltre* li d-dritt ta' smigh xieraq jipprovdi ghad-dritt lil wiehed jappella anke fejn ikun baqa' kontumaci u naqas li jopponi formalment ghal procedura. Ghalhekk ma kien il-kaz li l-appellanti joggezzjonaw ghal dan il-permess, imma kien il-kaz li dik l-applikazzjoni ma setghetx timxi minghajr ma l-appellanti jkunu parti integrali minnha ghaliex kien process intiz biex jaltera l-kondizzjonijiet tal-permess taghhom. Il-lanjanza taghhom ghalhekk bil-fors tesorbita il-kwistjoni tal-fatt ghamlux oggezzjoni tempestiva, ghaliex huma jippretendu li dak il-process ma setax jitmexxa minghajr ma huma ma jkunu parti integrali u diretta f'dak il-process.

Illi l-Awtorita` tal-Ippjanar adottat proceduri ghall-hrug tal-permess li ma tatx lill-esponenti l-opportunita` shiha u kif trid il-ligi biex ikollha dritt ta' oggezzjoni effettiv, tant li fil-fatt ta avviz ta' Applikazzjoni li saret hija nulla *ai termini* tal-**aritkolu 32 tal-Kap 356**.

Illi dan l-aggravju huwa msejjes kemm fuq il-fatt li l-applikazzjoni giet deskritta b'mod hazin fil-gazzetti pubblici; kemm 'il ghaliex l-avviz ma giex effettivament notifikat fuq is-sit; u kif ukoll li fil-mori tal-applikazzjoni saru diversi tibdiliet u anke segwew procedura ghall-hrug tal-permess li bidlu radikalment in-natura tal-applikazzjoni.

Illi qabel xejn pero` l-esponenti ghandu jemfasizza l-fatt li d-dritt ta' kull cittadin li joggezzjona ghall-applikazzjoni huwa dritt basilari fil-ligi. Huwa dritt u mhux privilegg.

Kif kien gie deciz mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Austin Attard Montaldo vs Chairman tal-Awtorita` tal-Ippjanar** deciza fl-20 ta' Awwissu 1996 (appell numru

434/94) kull cittadin li jhoss ruhu aggravat bid-decizjoni tal-Awtorita` ghandu dritt li jappella minnha, u l-interess li jista' jkollu *"mhux necessarjament ikun relatat mad-dritt ta' proprjeta` imma jista' wkoll relatat mal-operat tal-Awtorita` fl-espletar tal-funzjonijiet taghha u kif dan jolqot lill-persuni li tappella".*

Bhala dritt generali, id-dritt li wiehed joggezzjona u jappella minn permess ghal zvilupp ma *huwiex* moghti mil-ligi f' cirkostanzi limitati u eccezzjonali; izda huwa moghti b'mod generali lil kull cittadin. L-**artikolu 32 tal-Kap 356** ghalhekk jirregola l-modalitajiet kif ic-cittadin ghandu jkun informat u kif ghandu jesercita d-drittijiet tieghu, proprju ghall-amministrazzjoni tajba u gusta, b'mod li dritt ta' oggezzjoni jkun effettiv. L-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja tibqa' biex tassigura li kull persuna jkollha opportunita` effettiva li taghmel l-oggezzjonijiet taghha. Tant li fil-fatt *ai termini* tal-**artikolu 32 (4)** tal-istess Att, fejn progett huwa wiehed kbir ghandu jinghata pubblicita` b'mod differenti minn semplici pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern u l-affissjoni tal-avviz fis-sit.

**a. Deskrizzjoni hazina fil-gazzetti pubblica.**

Illi l-Onorabbli Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar iddecieda li ladarba l-lokalita` kienet giet deskritta bhala "national Territory" u "South-East of Malta" l-applikazzjoni kienet wahda li *"ma kienx qed jigi konness ma' ebda kunsill lokali izda ta' importanza nazzjonali"* u ghalhekk avviz tajjeb lil kull min kien interessat.

Illi fil-fatt pero` kif intwera sussegwentement mir-rapporti u mill-pjanijiet, ghalkemm il-progett huwa wiehed nazzjonali, l-oggetti ambjentali u ta' zvilupp tal-progett huma **kollha lokali** ghar-rahal ta' Wied il-Ghajn. (Issir anke riferenza ghal konsultazzjonijiet pubblici fejn l-izvilupp gie deskritt bhal 'barra minn Ras iz-Zonqor , Marsaskala').

Minkejja dan, dan il-progett nazzjonali gie kwalifikat bil-kliem "6 km *away from shore off* Xrob l-Ghagin, 1/0 Marsaxlokk." B'mod li b'hekk iz-zona ta' effett tal-izvilupp gie mistur, u dritt ta' oggezzjoni tal-esponenti gie imfixkel.

Wiehed m'ghandux jinsa illi l-irhula ta' Marsaxlokk u ta' Marsaskala huma kompletament distinti tant li zvilupp go Marsaxlokk ftit li xejn ikollu effetti ghal Marsaskala u vici-versa. Ghalhekk meta l-progett, deskritt bhal nazzjonali, gie allacjat maz-zona ta' Marsaxlokk gie **deskritt b'mod erronju**. B'mod li dghajjef id-dritt ta' oggezzjoni tal-esponenti.

Sabiex wiehed ikun jista' jezercita d-dritt ta' oggezzjoni ghal zvilupp b' mod effettiv huwa ghandu jkun jista' jistabbilixxi jekk l-izvilupp ser jaffetwah jew le. Mod progett ikun deskritt bhala progett nazzjonali b' effett ambjentali fuq il-pajjiz kollu u mod jigi deskritt b'effett ambjentali fuq lokalita` partikolari, fejn dik il-lokalita` ma ghandha x'taqsam ***xejn*** mal-izvilupp!

**b. Affissjoni tal-Avviz fuq is-sit.**

*Inoltre* l-appellanti jhossu ruhhom aggravati filfatt li n-notifika tal-avviz ma gietx allacjat effettivament fuq is-sit reali tal-izvilupp. L-**artikolu 32 (4)** jirrikjedi li l-avviz tigi allacjata fuq is-sit tal-izvilupp biex tikkonferma b'mod espress u visibbli fejn ser isir l-izvilupp, u dan biex id-dritt ta' oggezzjoni ta' kull cittadin ikun effettiv.

Ghaldaqstant il-ligi tirrikjedi illi fejn hemm progett kbir, li mhux necessarjament jista' jigi allacjat fuq sit wiehed fiss, l-Awtorita` tista' titlob lill-applikant jippubblicizza b'mod li l-ghan tal-ligi, *ossia* li l-lokazzjoni tal-izvilupp jigi konfermat b'mod espress biex jirrendi d-dritt ta' oggezzjoni effettiv, jintlahaq.

Il-fatt li ma jidhirx li gew preskritti metodi ghal din il-pubblicita` ma tezonerax l-Awtortia` mill-obbligu li tara li hemm notifika effettiva tal-avviz ghal persuna nteressanti. Huw car li fil-kaz prezenti dan ma sarx, u n-notifikat twahhlet f'sit maqtugh minn kulhadd u li ma ghandu x'jaqsam xejn mal-izvilupp!

**c. Diskrepanza bejn l-applikazzjoni u dak li gie appruvat**

Illi dwar is-sottomissjoni tal-esponenti illi L-Onorabbli Bord ta' Appell dwar l-Ippjanar hass li din id-diskrepanza kienet iktar apparenti milli reali peress li fir-rigward tal-piz ta' *Biomass* permess kien qieghed isir allowance *"ghall-fatt illi l-piz tat-tonn kwazi jirdoppja meta jissemmen fil-gaggeg".*

Bir-rispett jigi rilevat li meta cittadin, *ossia* "*the proverbial man int the street*" jara l-applikazzjoni l-piz effettiv tal-izvilupp huwa deskritt bhala hamest elef (5) tunellati, meta filfatt il-piz effettiv ser ikun ta' disghat elef (9) tunellati. Filfatt jigi rilevat li fl-applikazzjoni ma giex deskritt jekk dan il-piz huwiex l-*initial* piz, u cioe` fiz-zmien meta t-tonn jinqabad jew jekk huwiex il-piz wara li t-tonn jissemmen gewwa l-gageg, meta l-piz effettivament ikun irdoppja.

Dan, allacjat mal-fatt li effettivament iz-zona ntiza ghall-akwakultura ckienet ghan-nofs id-daqs originalment propost ifisser li l-izvilupp kif gie approvat ser ikun hafna iktar intensiv milli dak originarjament propost, tant li zgur li jekk ma kienx jissusisti nteress fl-izvilupp originali, zgur kien jissusisti fl-izvilupp kif approvat, tant li ghalhekk kien jiskatta l-obbligu li jerga' jigi pubblikat l-avviz tal-izvilupp.

Dan l-aggravju, huwa msahhah bil-fatt li dan l-izvilupp gie approvat minkejja li ma gewx segwiti d-dettami tal-legislazzjoni Ewropea fis-sens li ma saritx *Strategic Environmental Assessment*. Dan jinghad peress li filfatt l-interess tal- "*priverbial man in the street*" li joggezjona huwa imnaqqas fejn hemm ligi li tipprotegi l-interss tac-cittadin billi jirrikjedi li qabel ma jigi approvat zvilupp isiru numru ta' studji u rapporti bl-ghan li l-effetti negattivi jkunu miniminizzati. L-interess li dan ic-cittadin joggezzjona ghall-izvilupp jiskatta malli l-protezzjoni moghtija lilu mil-ligi hija sorvolata rregolarment.

Illi ghalhekk il-ligi tirrikjedi li jsir ripubblikazzjoni sabiex il-"*proverbial man in the street*" ikollu opportunita` effettiva li joggezzjona u jipprotegi l-interessi tieghu ladarba gie svestit mill-protezzjoni moghtija lilu mil-Ligi.

**Illi ghaldaqstant huwa car li n-notifika tal-avviz tal-izviluppp *de quo* kienet kompletament nulla fil-ligi u manifestament invalida.**

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt li taghmel riferenza pjena ghall-provi u sottomissjonijiet kollha gia` dedotta quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u tirreserva dawk il-provi kollha lilha premessi mil-Ligi, titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' l-Appell tar-rikorrent, tirrevoka l-precitata decizjoni ghal Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta' Novembru 2006, u tiddikjara li l-appell taghhom kien validu u rit.

Rat id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippajanar datata 8 ta' Novembru 2006 a fol. 8 tal-process suggett ghall-dan l-appell.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` appellata datata 30 ta' Mejju 2007 a fol. 21 tal-process fejn espona bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament jigi sottomess illi apparti li dan l-appell huwa wiehed frivolu mhuwiex qed isir minn punt ta' ligi kif jirrikjedi l-**artikolu 15 (2)** tal-Att dwar l-Izvilupp tal-Ippjanar li jghid hekk:

*'Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm Appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri).*

Dan kie konfermat diversi drabi b' sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), fejn spjegat illi:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m' hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ... biex appell ikun ammissibbli, il-kontroversja trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata.'*

F’dan il-kuntest issir ukoll referenza ghal-numru ta’ decizjonijiet moghtija recentement fuq id-distinzjoni bejn punt ta’ fatt u punt ta’ dritt u senjatament:

**i)** **Frans Cushieri vs DCC (10/02 RCP)**
**ii)** **Santino Gauci vs DCC (32/01 RCP)**
**iii)** **Salvu Sciberras vs PA (26/01 RCP)**

Ilkoll decizi minn din l-Onorabbli Qorti fl-24 ta’ Marzu 2003

2. Illi dan qed jinghad ghaliex minkejja illi certu aggravji tal-appellanti huma fuq punti ta’ Ligi, dawn ikomplu billi jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tissindika anke l-evalwazzjoni fattwali maghmula mill-istess Bord tal-Appell, punt li kif stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, ma jikkostitwux punti ta’ ligi deciza mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kif filfatt qed jghid l-appellant.

3. Illi l-aggravju principali tal-appellanti huwa illi huma kellhom dritt illi jappellaw mid-decizjoni tal-Awtorita` esponenti quddiem il-Bord tal-Appell. Dritt, illi skont id-decizjoni tal-Bord tal-Appell, intilef mill-appellanti *stante* illi huma ma ressqux is-sottomissjonijiet taghhom quddiem l-Awtorita` esponenti skont u fit-terminu tal-Ligi.

4. Illi huwa *ormai* stabbilit illi biex terza persuna, u cioe` persuna *oltre* l-applikant, ikollha dritt illi tinterponti appell quddiem il-Bord tal-Appell minn decizjoni mehuda mill-Awtorita` esponenti fil-konfront tal-applikant, dan it-terz irid ikun ipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu quddiem l-Awtorita` esponenti u fil-mori tal-ipprocessar tal-applikazzjoni *de quo entro* t-terminu stabbilit fl-**artikolu 32 (5)**. Dan gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet “**Busuttill vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp et** (5/10/01). Hadd m’ huwa ezentat minn dan l-obbiligu, u nuqqas illi ssegwi dan l-*iter* processwali necessarjament iwassal ghat-telf min-naha tal-istess terz ghad-dritt illi huwa kellu illi jissottometti appell quddiem il-Bord tal-Appelli.

5. Illi l-appellanti odjerni jissottomettu jew jalludu illi ghandhom xi dritt awtomatiku ta’ appell minhabba l-

konnessjoni diretta bejn l-attivita' u l-permess attwali taghhom, u l-permess li inhareg a favur l-appellat Grupetta noe. Illi dan l-argument, imkien ma jsib sostenn legali *stante* illi filwaqt li ma tezisti l-ebda konnessjoni diretta bejn il-permess *de quo* u l-permess ta' l-appellanti, f'kull kaz l-intervent u l-partecipazzjoni ta' l-appellanti kellu xorta wahda jsegwi l-iter processwali stabbilit mill-Ligi. Illi l-appellanti jargumentaw illi minhabba din il-konnessjoni huma ghandhom dritt awtomatiku illi jinterponu l-appell quddiem il-Bord ta' l-Appelli, izda huma jinsew li setghu, li kieku riedu, ippartecipaw b'mod attiv (u billi jsegwu l-proceduri stabbiliti fil-Ligi) fl-ipprocessar ta' l-applikazzjoni *de quo*, u mhux biss jippretendu d-dritt ta' appell.

6. Illi f'kull kaz, l-appellanti jafu illi huma ghandhom kundizzjoni fil-permess taghhom illi tipprovdi illi l-attivita' taghhom tista tigi rilokata f'kull mument, u minghajr restrizzjoni. Din hija kondizzjoni valida *stante* illi l-istess appellanti accettawha tant li qatt ma giet ikkontestata. Illi *semmai* din il-kundizzjoni kellha tixpruna lill-appellanti biex jekk huma kien ihossu il-htiega, jippartecipaw fl-applikazzjoni odjerna, u mhux jippretendu biss id-dritt ta' l-appell mill-istess permess.

7. L-ilment tal-appellanti huwa marbut mal-metodu li bih saret in-notifika tal-applikazzjoni *de quo*. Jigi sottomess, illi kemm-il darba jigi kkonfermat illi n-notifiki li kellhom bzonn isiru, effettivament saru, sta ghall-Bord tal-Appelli biex jiddetermina l-aspett fattwali tal-istess, bhal ma hija d-deskrizzjoni tal-izvilupp u fatti ancillari.

8. Illi fl-opinjoni tal-appellanta, il-Bord kien korrett meta kkonkluda illi n-notifiki kollha li kellhom isiru effettivament saru. U l-istess jinghad, minkejja illi fl-umli opinjoni tal-appellanta dan jikkostitwixxi punt ta' fatt, ghall-mod li bih il-progett *de quo* gie deskritt. Fl-ahhar mill-ahhar minkejja illi l-progett gie deskritt illi kien ser isir f' zona ta' Malta u fit-territorju nazzjonali, ried jinghata xi punt ta' rikonvenzjonanti fuq l-art biex iz-zona tkun aktar identifikabbli. Certament, illi rrispettiv minn fejn kienet din iz-zona tal-art, il-Bord kien korrett meta wasal ghall-konkluzjoni illi *the ordinary man in the street* seta' jifhem

din id-deskrizzjoni. U certament illi l-appellanti odjerni huma ferm *oltre the ordinary man in the street*, izjed u izjed minhabba l-interess allegat minnhom fil-progett *de quo*.

9. Illi l-istess jinghad ghal dak li jirrigwardja l-proposta *de quo* u dak li gie effettivament approvat. Filwaqt illi jinghad bir-rispett illi dan jikkostitwixxi punt u evalwazzjoni ta' fatt, u mhux punt ta' dritt, kienet korretta l-evalwazzjoni tal-istess Bord illi ma kien hemm l-ebda bidla illi kienet tehtieg xi forma ta' ripubblikazzjoni tal-Avviz.

10. Illi ghal dak li jinghad mill-appellanti rigward *Strategic Environment Assessment*, huwa legalment u fattwalment skorrett, *stante* illi filwaqt illi bl-ebda mod dan l-aggravju ma jaghti d-dritt tal-appell lill-appellanti, dan il-progett ma kienx tehtieg *Strategic Environment Assessment*, izda kienet jehrieg *Environment Impact Assessment*, studju li fil-fatt sar.

*In vista* tal-premess, l-awtorita` esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia` prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 8 ta' Novembru 2006 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mil-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellanti, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-8 ta' Novembru 2006, bl-ispejjez kontra l-istess appellanti.

Rat ir-risposta tal-appell minn Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences datata 3 ta' Jannar 2007 a fol. 20 tal-process fejn espona:-

Illi din hija risposta ghall-appell li sar mill-atturi mid-decizjoni preliminari mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tat-8 ta' Novembru 2006 fil-kaz fl-ismijiet premessi b'liema il-Bord kien cahad l-appell ta' Fish & Fish Limited u Malta Fishfarming Limited kontra il-hurg tal-permess datat 20 ta' Gunju 2006 favur Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences sabiex isir zvilupp konsistenti f' zona ta' akwakultura fil-bahar fix-Xlokk ta'

Malta mahrug mill-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-konfront tal-applikazzjoni Numru 87/04.

Illi l-aggravji tal-appellenti huma nfondati fil-fatt u d-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess appellanti ghas-segwenti ragunijiet;

Illi preliminarjament l-appellat, bhala l-applikant fil-kwistjoni odjerna qaghad ghal kull regolament u procedura tal-imsemmija Awtorita` dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Illi l-Malta Centre for Fisheries Sciences m’ ghandu ebda kontroll fuq tali proceduri, ghajr li jsegwihom bhal kull applikant iehor. L-Awtorita’ dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, minkejja li taqa’ taht l-istess Ministeru, hija entita` awtonoma u kwindi d-Direttur Generali m’ghandu ebda axxendent fuq l-Awtorita’ u l-Bordijiet taghha.

Illi r-rilokazzjoni msemmija hija kondizzjoni rikjesta mill-MEPA fil-Permess tas-socjetejiet appellanti u mhix kriterju li qed jitlob d-Direttur tas-Sajd. Kienet kundizzjoni li huma accettaw biex hadu l-permess ta’ zvilupp li qed jahdmu bih. Ir-rilokazzjoni li qeghdin joggezzjonaw ghaliha kienet intiza sabiex jitnaqqas l-impatt ta’ vizwalita` u possibilita` ta’ tniggis fuq il-kosta bi dritt il-*farms* prezenti tal-appellanti.

Illi hadd ma cahhad lill-appellanti d-dritt tal-appell, tant hu hekk illi saru zewg appelli ossija wiehed lill-Bord tal-MEPA, u l-appell odjern quddiem din l-Onorabbli Qorti.

Illi l-argument tad-deskrizzjoni gie diskuss diversi drabi, u l-ispjegazzjoni kienet wahda cara. Iz-zona studjata u mpoggija fl-applikazzjoni kienet ta’ sitt (6) kilometri x tliet (3) kilometri u din kienet eqreb lejn Xrobb l-Ghagin milli Ras Zonqor. Waqt l-istudji, deher car li setghet facilment tintuza nofs ta’ dan is-sit lejn it-Tramuntana u kwindi l-eqreb punt ma baqax Xrobb l-Ghagin, izda sar Ras Zonqor.

Illi l-affissjoni fuq is-sit ma setghetx issir litteralment sitt (6) kilometri ‘l boghod mill-kosta fuq il-bahar. Id-Direttur Generali tas-Sajd ghamel l-ahjar li seta’ f’dan ir-rigward.

Kera '*billboard*' ta' tliet (3) metri x zewg (2) metri u qieghda fil-parkegg tal-pixxina, f'post prominenti u pubbliku li jista' jintlahaq minn kulhadd, fl-eqreb post ghas-sit tal-izvilupp. Fuq dan il-*billboard*, barra l-permess tal-MEPA twahhlet ukoll mappa kbira taz-zona tal-Akwakoltura u l-kosta relattiva. Din il-mappa kienet turi z-zona originali ta' 6 x 3 km. u kienet turi b'mod car li ser jintuza n-nofs ta' naha tat-Tramuntana. *Inoltre*, saret ukoll esebizzjoni ta' jumejn fil-lukanda Jerma Palace biex jigi spjegat dan il-progett.

Illi rigward l-allegazzjoni ta' diskrepanza li ma hemm l-ebda pubblikazzjoni xjentifika li tikkonferma "*ghall fatt illi l-piz tat-tonn kwazi jirdoppja meta jissemmen fil-gageg" .* Normalment tonn kbir li jinzamm inqas minn tliet xhur ma jirduppjax fil-piz u titkejjel zieda ta' mhux aktar minn tletin fil-mija. Dan jista' jinbidel biss jekk jigu pprezentati studji xjentifici lill-*Standing Committe on Research and Statistics (SCRS)* ta' *l-International Commission for the Conservation of Atlantic Tuna (ICCAT)* u jekk dawn jigu milqugha. Huwa possibbli li tonn zghir taht l-10 kili jirdoppja l-piz f'sena trobbija izda mhux hut kbir li huwa gja matur. L-applikazzjoni kienet cara u titkellem fuq dhul sa 9,000 tunnellata hut u ghalhekk qed issir riferenza ghall-hrug ta' mhux aktar minn 12, tunnellata hut minn din iz-zona.

Ghalhekk l-appellat jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad l-appell tal-appellanti u tiddikjara li l-precitata decizjoni tal-Bord tal-Appell kienet gusta u timmerita konferma ghaldaqstant l-appell ta' l-atturi ghandu jigi rigettat.

Rat id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjnar fl-ismijiet premessi datata 8 ta' Novembru 2006.
Rat il-verbali tas-seduti mizuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-21 ta' Mejju 2008 l-appell gie differit ghad-decizjoni in *difetto ostacolo* ghall-10 ta' Dicembru 2008.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi dan huwa appell li sar mill-appellanti Fish & Fish Limited u Malta Fishfarming Limited fejn qed isostnu li d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar (Bord) moghtija fit-8 ta’ Novembru 2006 fejn inghad li la darba huma ma pprezentaw l-ebda oggezzjoni bil-miktub skond id-disposizzjonijiet u fit-terminu tal-**artikolu 32 tal-Kap 356** inkonnessjoni ma’ talba ghall-hrug tal-permess f’isem il-kjamat fil-kawza sabiex isir zvilupp konsistenti f’zona ta’ akwakultura fil-bahar fix-xlokk ta’ Malta mahrug mill-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fil-konfront tal-applikazzjoni Numru 87/04 mela allura ma setghux jaghmlu appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar hija zbaljata peress li sostnew li:-

(a) Illi l-istess zvilupp ser jaffettwa l-permess taghhom ghall-zvilupp u ghalhekk huma ghandhom id-dritt ghall-smigh xieraq quddiem l-istess Awtorita’ u dan jinkludi li l-istess Awtorita’ tinnotifikahom bil-permess tal-kjamat fil-kaz u mhux biss li huma jkollhom dritt jaghmlu oggezzjoni.

(b) Illi huma ma inghatawx lanqas id-dritt li jaghmlu l-istess oggezzjoni u allura sussegwentment jappellaw quddiem il-Bord peress li l-avviz pubblikat fil-gazzetti lokali sar hazin peress li dan l-izvilupp gie deskritt bhala progett li kellu jsir *“6km away from shore off Xrobb l-Ghagin, l/o Marsxlokk”* meta fil-fatt waqt il-konsultazzjoni pubblici l-isvilupp gie deskritt bhala *“barra minn Ras iz-Zonqor, Marsaskala”,* u dan meta fil-fatt l-istess zvilupp kienu ser ikollu effett ambjentali ghall-Marsaskala; b’hekk l-aggravju huwa fis-sens b’tali deskrizzjoni l-istess appellanti fehmu li l-progett ma kienx ser jolqot lilhom, mentri jallegaw li l-fatti huma mod iehor u b’hekk huma gew pregudikati ghaliex bl-avviz fehmu li l-izvilupp ma’ kienx ser jolqot lilhom.

(c) Illi n-notifika ta’ l-avviz ma saritx fuq is-sit fejn kellu jsir l-izvilupp;

(d) Illi kien hemm diskrepanza bejn l-applikazzjoni u dak li gie approvat u dan peress li fir-rigward ta' piz ta' *"Biomass"* il-piz tat-tonn kwazi kien ser jirdoppja meta jissemmen fil-gageg" tant li fl-applikazzjoni l-izvilupp huwa deskritt bhala wiehed ta' 5 t'elef tunnellati meta fil-fatt il-piz effettiv kien ser ikun ta' 9 tunnellati, u dan apparti li z-zona fejn kien ser isir dan ckienet ghan-nofs dik indikata li tfisser li kien ser ikun hemm zvilupp hafna iktar intensiv minn dak propost u ghalhekk dan kien jinhtieg pubblikazzjoni mill-gdid ta' l-istess applikazzjoni kif eventwalment emendata jew mibdula.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti, u dan anke kif indikat mill-Awtorita' appellata fir-risposta taghha minkejja l-eccezzjoni minnha moghtija a bazi tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap. 356,** il-punti mqajma mill-appellanti dwar jekk l-appellanti odjerni ghandhomx dritt jappellaw quddiem il-Bord huwa punt ta' dritt u dan meta jirrizulta li l-mertu tal-aggravju huwa marbut kemm mal-vantat dritt tal-appellanti li bhala persuni li ser ikunu affettwati bil-hrug tal-istess permess huma kellhom jigu notifikati bl-istess proceduri dwar il-permess, u kif wkoll fejn qed jinghad li l-istess appellanti ma' agixxewx skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 tal-Kap. 356,** u dan fis-sens li sabiex ikollhom dritt ta' appell l-istess appellanti kellhom iressqu l-oggezzjonijiet taghhom bil-miktub u motivita *"fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fis-subartikolu (4)"* u jirrizulta li ghalhekk dan il-punt jikkoncerna wkoll interpretazzjoni ta' dak li huwa tenut li hija pubblikazzjoni skond l-istess artikolu, nkluz jekk l-istess artikolu giex applikat sew fil-kaz in ezami.

Illi bhala fatt jirrizulta li l-avviz fil-gazzetta lokali sar fil-5 ta' Gunju 2004 bid-deskrizzjoni ta' *"development of aquaculture zone south-east of Malta Dr. Anthony Grupetta obo Malta Centre of Fusheries, Site at South East of Malta away from the shore off, Xrobb l-Ghagin, l/o Marsaxlokk"* u billi l-pubblikazzjoni giet ritenuta mill-Bord li saret skond il-ligi, l-appell ta' l-istess appellanti gie ritenut null peress li ma saritx ebda oggezzjoni bil-miktub fit-terminu indikat fl-**artikolu 32 tal-Kap. 356.**

Illi ma hemmx dubju li l-appellanti huma *third party objectors* skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap 356** u bhala tali ghandhom dritt ta' appell kif indikat fis-sentenza **"Perit Austin Attard Montaldo vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A. C. – 20 ta' Awissu 1996), li kawza taghha gie emendat l-**Kap 356** b'mod li llum hemm dritt ta' appell biss quddiem il-Bord kemm il-darba terza persuna interressata tkun ghamlet oggezzjoni bil-miktub u motivata fuq konsiderazzjonijiet ta' ppjanar a bazi ta' l-**artikolu 32 (4) u 32 (5) tal-Kap 356** u dan jinsab ukoll indikat fl-**artikolu 15 (1) (d) tal-Kap 356** li jghid li *"dak l-appell jista' jsir minn terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skond l-artikolu 32 (5) meta tigi ppublikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp".*

Illi l-**artikolu 32 (4)** jipprovdi li *"l-Awtorita' ghandha, ghas-spejjez ta' min japplika, tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jigu ppublikati fl-istampa lokali u mxandra b'avviz fis-sit. L-Awtorita' ghandha tkun responsabbli li twahhal avviz fis-sit u l-applikant ghandu jkun responsabbli li jizgura li l-avviz jibqa' mwahhal ghall-perjodu ta' ghoxrin jum mid-data li l-avviz jigi hekk imwahhal. Kopja ta' kull applikazzjoni u pjanta relattiva u l-pjanta relattiva li turi fejn jinsab is-sit ghandhom jigu notifikati mill-Awtorita' lill-kunsill lokali li fil-lokalita' tieghu tkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp. F'kaz ta' progetti kbar l-Awtorita' tista' titlob lill-applikant li jippubliccizza l-applikazzjoni tieghu f'dik il-manjiera ohra li jidhrilha xierqa. Il-Ministru jista' jippreskrivi metodi ohra biex tinghata pubblicita' lill-applikazzjoni apparti dawn ta' hawn aktar qabel".*

Illi l-**artikolu 32 (5)** jipprovdi li *"kull persuna tista', ghar-ragunijiet imsemmija fuq kwistjonijiet rilevanti ta' ppjanar, taghmel sottomissjonijiet fejn toggezzjona kontra zvilupp. Din l-oggezzjoni ghandha ssir bil-miktub u ghandha jkollha esposizzjoni motivata ghaliha, u ghandha tasal ghand l-Awtorita' fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fis-subartikolu (4) b'dan illi l-Awtorita' tista' f'kaz ta' progetti kbar testendi l-imsemmi perjodu ghal tletin gurnata u f'dan il-kaz ghandha taghti avviz ta' estensjoni fl-imsemmija pubblikazzjoni. Dak iz-zmien jista'*

*jitqassar ghal sebat ijiem f'kazijiet urgenti kif jista' jigi ndikat fil-pubblikazzjoni. L-Awtorita' ghandha tikkonsidra u tiddeciedi dwar l-oggezzjoni. Kull persuna li tkun ghamlet oggezzjoni bil-miktub ghall-izvilupp kif inghad hawn fuq ghandha tigi informata mill-Awtorita' jew mill-Kummissjoni, skond il-kaz, meta jkunu gew ipprezentati pjanti godda, jekk ikun il-kaz, u dik il-persuna ghandha tigi mistiedna, biex tkun prezenti ghall-laqgha tal-Awtorita' jew tal-Kummissjoni meta dik l-applikazzjoni tigi diskussa".*

Illi ghalhekk jirrizulta li wara s-sentenza **"Perit Austin Attard Montaldo vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A. C. – 20 ta' Awissu 1996) dahhlu emendi li llimitaw l-appell li seta' jaghmel terz interessat fis-sens li tali appell ma setax isir f'kull stadju izda dan kellu jaghmel l-oggezzjoni tieghu bil-mod indikat bil-miktub mid-data tal-pubblikazzjoni ta' proposta' ta' zvilupp, u ghalhekk l-iskop ta' tali emenda kien li kull min ghandu interess fl-istess zvilupp kellu jaghmel l-opposizzjoni tieghu mal-ewwel opportunita' li tinghata lilu u din l-opportunita' giet ikkunsidrata bhala dik meta ssir il-pubblikazzjoni relattiva tal-proposta (**"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 2001) "**Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A. C. – 27 ta' April 2006) u dik fl-ismijiet **"Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Limited et"** (P.A. (GV) – 29 ta' Marzu 2004).

Illi tenut kont ta' dan kollu mill-**Kap. 356** jirrizulta ghalhekk li skont l-**artikolu 32 (5)** persuna interessata tista' taghmel oggezzjonijiet ghall-izvilupp bil-miktub u dan fi zmien hmistax il-gurnata mill-pubblikazzjoni ta' avviz f'gazzetta lokali skont l-**artikolu 32 (4)** tal-istess Kap. Meta ssir din l-oggezzjoni dan jintitolat lil din it-terza persuna interessata sabiex taghmel appell quddiem l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) (d) tal-Kap. 356** u wara jista' jsir appell wkoll quddiem din il-Qori,

Illi din il-Qorti tifhem li meta tali terza persuna interessata u hawn imsemmija tipprezenta hija stess appell quddiem

il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar anke skond id-disposizzjonijiet tal-**Kap. 356** tkun trid issir in-notifika lill-partijiet fil-kaz dwar l-ewwel laqgha u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (4) tal-Kap. 356.** Izda altrimenti ma’ hemm ebda disposizzjoni ohra fl-istess ligi li tipprovdi ghan-notifika ta’ *third party objector* f’kaz ta’ appell mill-applikant jew mill-Awtorita’.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li la darba ma hemm l-ebda provediment fil-ligi li jipprovdi li terza persuna interressata ghandha tigi notifikata bi procedura ghall-permess jew bi proceduri ta’ appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, allura din il-Qorti ma’ tistax tiddikjara tali procedura quddiem l-Awtorita’ bhala nulla ghaliex fil-fatt l-ebda disposizzjoni tal-ligi ma’ giet miksura, jew b’xi mod ma gietx osservata jew mill-Bord, jew mill-Awtorita’, jew mill-applikant. Ovvjament dan ma jfissirx li l-istess appellanti odjerni ma’ ghandhomx rimedji ohra anke quddiem il-Qrati ordinarji, izda certament li f’dan il-kaz u fil-kompetenza li din il-Qorti ghandha li tapplika d-disposizzjoni tal-**Kap. 356** ma jirrizultax li l-istess appellanti ghandhom xi dritt li jigu notifikati bil-permess ta’ terza persuna, ghalkemm ma hemm xejn x’izomm lill-istess terza persuna interessata li tintervjeni f’dawk il-proceduri bil-mod kif espressament provdut fl-istess Att, u dan fit-terminu indikat wara l-pubblikazzjoni rikjesta fl-**artikolu 32** tal-**Kap 356.** B’hekk dan l-aggravju qed jigi michud ghar-ragunijiet premessi anke jekk din il-Qorti ma tikkondividiex ghal kollox dak li sostna l-istess Bord f’dan ir-rigward.

Illi pero’ dan ifisser li bla dubju hija ta’ importanza massima li l-avviz ta’ pubblikazzjoni ta’ l-izvilupp propost fl-istampa lokali ghandu jkun preciz b’mod li jindika sew is-sit u n-natura ta’ tal-istess zvilupp, u dan jinkludi *per necessita’* l-lokalita’ fejn dan l-izvilupp ghandu jsir peress li t-terminu sabiex issir l-istess oggezzjoni indikata fl-**artikolu 32 (5)** jibqa’ jaghddi proprju bid-data tal-istess avviz.

Illi fil-kaz *de quo* jirrizulta li l-applikazzjoni ghall-izvilup giet deskritta biss bhala *“aquaculture zone in south east Malta*

– *location – South East Malta”* PA 87/04 u l-pubblikazzjoni relattiva fil-gazzetta lokali saret fil-5 ta’ Gunju 2004 indikata bhala “*National Territory 00087/04 – Development of an aquaculture zone south-east of Malta. Dr. Anthony Grupetta obo Malta Centre for Fisheries, Site at South East of Malta 6km away from shore off Xrobb l-Ghagin l/o Marsaxlokk”* (Dok. “TD 2”).

Illi jirrizulta mill-atti esebiti li l-*Enviroment Impact Assessment* imsejjah bhala Marine Archaeology Baseline Study li sar fit-12 ta’ Ottubru 2005 in konnessjoni mal-PA00087/04 deskritt bhala *“Development of an Aquaculture Zone south-east of Malta off Zonqor Point, Marsascala”* jiddiskrivi f’paragrafu 8 bhala l-*“Geographic Setting”* is-sit fejn kien ser issir dan l-izvilupp bhala *‘the site for the proposed AZ is between six and nine kilometers to the East of Zonqor Point, Marsaskala (see Figure 1)”;* f’paragrafu 10 intitolat *“Brief History of the A of I”* jirreferi ghall-Marsaskala tant li jinghad li *“Marsakala is currently not considered to be one of the main harbours of the Maltese Islands”;* jirrizulta wkoll li d-dokument li nhareg mill-Ministeru Ghall-Affarijiet Rurali u l-Amjent f’Dicembru 2005 dwar Konsultazzjoni Pubblika l-istess progett huwa deskritt bhala *‘Zona ta’ Akwakultura fix-xlokk ta’ Malta ‘il barra minn Ras iz-Zonqor, Marsaskala”* u fil-fatt fl-istess dokument inghata dettalji dwar informazzjoni ta’ esebizzjoni li kellha ssir dwar l-istess progett fl-1 u 2 ta’ Dicembru 2005 fil-Jerma Palace Hotel u inghad wara l-hin ta’ esibizzjoni kellhom issiru laqghat fuq aspetti partikolari tal-izvilupp *inter alia* mal-Kunsill Lokali ta’ Marsaskala u l-Kommunita’ Kummercjali ta’ Wied il-Ghajn. Illi f’komunikazzjoni li saret fil-11 ta’ Awissu 2004 lill Kunsill Lokali ta’ Marsaskala (Dok. “AOB”) jirrizulta li l-istess zvilupp xorta gie deskritt kif ippublikat fl-avviz fil-gazzetta bhala *“Site at South East of Malta 6km away from shore off Xrobb l-Ghagin l/o Marsaxlokk”.*

Illi tenut kont tal-importanza tad-deskrizzjoni korretta tas-sit fl-avviz fil-gazzetta lokali, peress li hija minn dik id-data li minnha jibda jaghddi t-terminu sabiex isiru s-sottomissjonijiet bil-miktub li imbaghad jaghtu l-lok ghall-appell lil terzi persuni interressati, din il-Qorti thoss li f’dan

il-kaz id-deskrizzjoni tas-sit u l-lokalita’ tal-istess fl-avviz pubblikat fil-gazzetta lokali datat 5 ta’ Gunju 2004, fejn irreferiet ghall-lokalita’ ta’ Marsaxlokk u mhux dik ta’ Marsaskala, (fejn effettivament mid-dokumenti relattivi, anke fuq indikati, kien ser issir l-izvilupp approvat), kien zbaljat u ghalhekk null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi. F’dan is-sens il-konsiderazzjonijiet tal-Bord dwar l-istess huma legalment inkorretti u dan peress li l-iskop ta’ tali pubblikazzjoni u d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 32 (4) u (5) tal-Kap 356** huwa proprju sabiex tinghata pubblicita’ mill-iktar wiesgha ghas-sit u t-tip ta’ l-izvilupp, b’dan ghalhekk li tali mezz ta’ pubblicita’ permezz ta’ gazzetta lokali ghandu qabel xejn u fuq kollox jidentifika s-sit ezatt ta’ l-istess zvilupp, u ovvjament dan jinkludi l-lokalita’ tal-istess sit. M’hemmx dubju li meta s-sit gie deskritt bhala fil-limiti ta’ Marsaxlokk, dan jaghti wiehed x’jifhem li l-izvilupp kien ser jolqot u jsir fl-istess lokalita’, mentri mill-atti kollha relattivi jirrizulta li l-izvilupp kif propost jew finalment propost kien ser jolqot il-lokalita’ ta’ Marsaskala. Il-fatt li l-izvilupp kien deskritt bhala wiehed li jikkoncerna t-territorji nazzjonali ma ghandux iwassal sabiex ma tigix indikata l-lokalita’ tas-sit, u wisq inqas li tigi ndikata l-lokalita’ differenti minn dik li kienet ser tigi affettwata bl-istess zvilupp. Il-kuncett ta’ dak li jifhem *“the man in the street”* ma ghandu x’jaqsam xejn mal-provediment tal-ligi li jirrikjedi li ssir pubblikazzjoni tal-izvilupp propost fejn ghandu jigi indikat is-sit ta’ zvilupp u ovvjament dan jinkludi l-lokalita’ affettwata jew fejn qieghed l-istess zvilupp u dan iffiser biss li tali lokalita’ ghandha tigi ndikata korrettament, haga li ma saritx f’dan il-kaz, ghaliex id-dokumenti kollha, hlief dawk tal-pubblikazzjoni relattivi jirreferu ghall-progett li ser issir u/jew jolqot il-lokalita’ ta’ Marsaskala u mhux dak indikat fl-avviz dak ta’ Marsaxlokk. B’dan l-izball, li ta wiehed x’jifhem li l-izvilupp propost kien ser jolqot lill-Marsaxlokk u mhux lill Marsaskala, jirrizulta li gie affettwat id-dritt ta’ oggezzjoni ta’ terza persuna interessata skond il-ligi, u allura din il-Qorti thoss li fuq din il-bazi tali pubblikazzjoni li saret fil-5 ta’ Gunju 2004 hija nulla u bla effett u ghalhekk l-appell fuq dan l-aggravju *da parte* tal-appellanti qed jigi milqugh peress li l-procedura ta’ pubblikazzjoni ma tatx

deskrizzjoni korretta tas-sit ta' l-izvilupp u l-lokalita' ta' l-istess.

Illi dwar it-tielet aggravju jirrizulta li dan l-avviz sar permezz ta' *bill-board* fil-parkegg tal-pixxina gewwa Marsaskala, u dan ovvjament ghaliex ma setghax issir fik-bahar fejn kien ser issir l-istess zvilupp, u dan *se mai* jikkonferma il-fondatezza tat-tieni aggravju tal-appellanti, izda strettament mhux dan l-aggravju, peress li jidher li tali avviz sar f'post prominenti f'Marsaskala; dan pero' in vista ta' dak deciz huwa ta' importanza akkademika ghaliex il-perjodu ta' oggezzjoni jiddekorri mhux mid-data meta twahhal l-avviz, izda mid-data tal-pubblikazzjoni tal-istess avviz fil-gazzetta lokali u dan anke abbazi tal-gurisprudenza konstanti fuq citata.

Illi din il-Qorti pero' tinnota li la darba dan huwa l-kaz ma hemm l-ebda dubju li s-sit u l-lokalita' involuta u interessata fl-istess zvilupp kienet bla dubju dik ta' Marsaskala u ghalhekk *ai termini* tal-**artikolu 32 (4)** l-Kunsill lokali ta' Marsaskala kellu d-dritt jigi notifikat bl-applikazzjoni korretta ta' l-istess zvilupp u l-pjanti relattivi, u mill-atti processwali jirrizulta li l-istess kunsill lokali ta' Marsaskala induna biss li l-istess progett kien jikkoncerna l-lokalita' tieghu wara li ircieva l-imsemmi EIS u d-dokument ta' Konsultazzjoni Pubblika li ndika s-sit bhala Ras iz-Zonqor, Marsaskala ghad-differenza tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali li tirreferi ghall-Marsaxlokk (seduta 10 ta' Mejju 2006). Jinghad li l-**artikolu 32 (4) tal-Kap 356** f'kazijiet ta' progetti ta' importanza nazzjonali u/jew progetti kbar jipprovdi ghall-pubblikazzjonijiet ulterjuri, b'dan li dak ta' l-avviz fil-gazzetta tal-gvern, u n-notifika lill-Kunsill Lokali, u l-avviz fuq is-sit huma l-minimu ta' pubblikazzjoni rikjesti u dan ikompli jikkonferma li t-tieni aggravju huwa dak li effettivament huwa ben fondat f'dawn il-proceduri.

Illi dwar l-ahhar aggravju jirrizulta li fil-fatt bejn l-izvilupp kif propost u dak li effettivament kien qed jigi trattat dan kien wiehed sostanzjali peress li fl-applikazzjoni dan kien jirreferi ghall-piz ta' 5 telef tunnellati ta' tonn li kellu jigi mkabbar f'tali gageg, mentri dan tela' ghall 9 telef

tunnellati fl-izvilupp propost, li kien jaghmel differenza sostanzjali peress li jindika zvilupp aktar intensiv, u dan iktar u iktar meta z-zona ta' l-izvilupp originarjament proposta tnaqqset bin-nofs. Dan jirrizulta wkoll minn dak li qal l-istess Bord fid-decizjoni tieghu fejn jghid testwalment li *"l-unika bidla sinfikanti bejn l-applikazzjoni u l-permess mahrug huwa l-ammont massimu ta' tunnellati ta' tonn li jistghu jigu akkomodati, li zdied minn massimu ta' hames tunnellati imsemmi fil-Project Description Statement ghal massimu ta' disa' tunnellati imsemmi f'kundizzjoni fil-permess".* F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li dan jimporta bdil sostanzjali fil-progett kif sottomess ghal dak intenzjonat li jigi approvat u allura thoss li kien hemm bdil sostanzjali fid-deskrizzjoni u fl-entita' ta' l-istess zvilupp li jaghti lok ghall- pubblikazzjoni mill-gdid tal-istess zvilupp u dan anke fuq l-iskorta tal-principji enuncjati fid-decizjoni **"Perit Wilfred De Battista vs l-Awtorita' ta' l-Ambjent u l-Ippjanar et"** – (A.I.C. (RCP) – 30 ta' April 2008) li ghaliha qed issir riferenza. Illi ghalhekk dan l-aggravju huwa wkoll ben fondat u qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-Awtorita' appellata kontenuti fir-risposta taghhom ghal dan l-appell datata 30 ta' Mejju 2007 u tal-kjamat fil-kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences kontenuti fir-risposta tieghu datata 3 ta' Jannar 2007 u dan biss in kwantu l-istess huma inkonsistenti ma' dak hawn deciz **tilqa' l-appell kif interpost mill-appellanti** is-socjetajiet Fish & Fish Limited u Malta Fishfarming Limited **fir-rikors taghhom datat 22 ta' Novembru 2006 fis-sens biss ta' dak hawn deciz** u b'hekk tannulla d-decizjoni appellata tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Fish & Fish Limited, Malta Fishfarming Limited, Assocjazzjoni tal-Hwienet ta' Wied il-Ghajn u tal-GRTU u l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-kjamat in kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences"** tat-8 ta' Novembru 2006 u konsegwentement tibghat lura u

tirrinvija l-atti lura lill-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, sabiex fid-dawl ta' din is-sentenza jiddisponi mill-kaz skont il-ligi.

Illi l-ispejjez ta' dan l-appell jibqghu a karigu tal-Awtorita' ta' l-Ippjanar u tal-kjamat fil-kawza Dr. Anthony Gruppetta ghan-nom ta' Malta Centre for Fisheries Sciences.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------